DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1183

tat-3 ta' Lulju 2019

dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Prezz għall-karbonju biex niġġieldu t-tibdil fil-klima"

(notifikata bid-dokument C(2019) 4973)

(It-test Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Is-suġġett tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Prezz għall-karbonju biex niġġieldu t-tibdil fil-klima" tirreferi għal dan li ġej: "Aħna nitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE li tiskoraġġixxi l-konsum tal-fjuwil fossili, tħeġġeġ l-iffrankar tal-enerġija u l-użu ta' sorsi rinnovabbli biex niġġieldu t-tisħin globali u nillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C."

(2) L-objettivi tal-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini jirreferu għal dan li ġej: "Il-proposta tagħna tintroduċi prezz minimu għall-emissjonijiet tas-$C0_2$, li jibda b'EUR 50 għal kull tunnellata ta' CO_2 mill-2020 u li jitla' sa EUR 100 sal-2025. Fl-istess ħin, il-proposta għandha tneħħi s-sistema eżistenti ta' kwoti bla ħlas għal min iniġġes fl-UE u tintroduċi mekkaniżmu ta' aġġustament fil-fruntiera fuq importazzjonijiet mhux mill-UE, b'tali mod li tikkumpensa għall-ipprezzar aktar baxx tal-emissjonijiet tas-CO_2 fil-pajjiż esportatur. Id-dħul ogħla li jiġi mill-ipprezzar tal-karbonju għandu jiġi allokat għall-politiki Ewropej li jappoġġjaw l-iffrankar tal-enerġija u l-użu ta' sorsi rinnovabbli, u għat-tnaqqis tat-tassazzjoni fuq introjti aktar baxxi."

(3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) isaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta'inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

(4) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini, sabiex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir iktar aċċessibbli.

(5) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposti għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

— dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna t-taxxi fuq il-fatturat, id-dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta, sal-punt li din l-armonizzazzjoni tkun neċessarja biex tiżgura l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u biex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni, abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

— azzjoni sabiex jinkisbu l-objettivi tal-preservazzjoni, tal-protezzjoni u tat-titjib tal-kwalità tal-ambjent u ta' miżuri ta' promozzjoni f'livell internazzjonali biex jiġu indirizzati problemi ambjentali reġjonali jew fid-dinja kollha, u b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, abbażi tal-Artikolu 192(1) u (2) TFUE, b'rabta mal-Artikolu 191(1), l-ewwel u r-raba' inċiżi tat-TFUE.

— implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, abbażi tal-Artikolu 207 TFUE.

(6) Għal dawn ir-raġunijiet, il-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini ma taqax manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, f'konformità mal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament.

(7) Barra minn hekk, il-kumitat taċ-ċittadini ġie ffurmat u l-persuni ta' kuntatt inħatru skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, u l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta la tidher li hija manifestament abbużiva, fiergħa jew vessatorja, u lanqas ma tidher li tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE.

([1]) ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.

(8) L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Prezz għall-karbonju biex niġġieldu t-tibdil fil-klima" għalhekk jenħtieġ li tiġi rreġistrata.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Prezz għall-karbonju biex niġġieldu t-tibdil fil-klima" hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-22 ta' Lulju 2019.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Prezz għall-karbonju biex niġġieldu t-tibdil fil-klima", rappreżentati mis-Sur Marco CAPPATO u mis-Sinjura Monica FRASSONI li jagħixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
L-Ewwel Viċi President